

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-12 ta' Diċembru 2008

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2001/15, dwar il-ħruġ ta' karti ta' flus ewro

(BĊE/2008/26)

(2009/56/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 106(1),

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ"), b'mod partikolari l-Artikolu 16,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/23 tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(1)</sup> tipprovdi għall-aġġustament ta' l-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (minn issa 'l quddiem "l-iskema kapitali") skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, u tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull bank ċentrali nazzjonali (BĊN) fl-iskema kapitali aġġustata (minn issa 'l quddiem "l-ippeżar ta' l-iskema kapitali").
- (2) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/608/KE tat-8 ta' Lulju 2008, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovakja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2009 <sup>(2)</sup>, is-Slovakja tisso-disfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-ewro, u d-derogi mogħtija lilha skond l-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003 <sup>(3)</sup> huma abrogati b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.
- (3) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus ewro <sup>(4)</sup> jiddefinixxi 'l-iskema ta' allokaz-zjoni ta' karti tal-flus' u jirreferi għall-Anness ma' dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema ta' allokazjoni ta' karti

tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar 2008. Minħabba li l-ippeżar ġdid ta' l-iskema kapitali se japplika mill-1 ta' Jannar 2009, u minħabba li s-Slovakja se tadotta l-ewro fl-1 ta' Jannar 2009, id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 għandha tiġi emendata sabiex tiġi ddeterminata l-iskema ta' allokazjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2009,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

**Emenda tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15**

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 hija emendata kif ġej:

- (1) Is-sentenza finali ta' l-Artikolu 1(d) hija sostitwita b'li ġej:
 

“L-Anness ma' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema ta' allo-kazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.”
- (2) L-Anness mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

**Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 12 ta' Diċembru 2008.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

<sup>(1)</sup> Ara paġna 66 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 195, 24.7.2008, p. 24.

<sup>(3)</sup> Att li jtratta l-kundizzjonijiet tas-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

<sup>(4)</sup> ĠU L 337, 20.12.2001, p. 52.

## ANNEX

## SKEMA TA' ALLOKAZZJONI TA' KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' JANNAR 2009

Bank Ċentrali Ewropew	8,0000 %
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,1975 %
Deutsche Bundesbank	24,9630 %
Central Bank and Financial Services Authority of Ireland	1,4640 %
Bank of Greece	2,5900 %
Banco de España	10,9465 %
Banque de France	18,7465 %
Banca d'Italia	16,4730 %
Central Bank of Cyprus	0,1805 %
Banque centrale du Lussemburgu	0,2305 %
Bank Ċentrali ta' Malta	0,0835 %
De Nederlandsche Bank	5,2575 %
Oesterreichische Nationalbank	2,5595 %
Banco de Portugal	2,3075 %
Banka Slovenije	0,4335 %
Národná banka Slovenska	0,9140 %
Suomen Pankki	1,6530 %
Total	100,0000 %